



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 16 ta' Novembru 2007 (16.11)
(OR. en)**

15309/07

FIN 548

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Is-Sinjura Dalia GRYBAUSKAITÉ, Membru tal-Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	15 ta' Novembru 2007
lil:	Sur Emanuel Augusto SANTOS, President tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC52/2007 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2007

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni SEC(2007) 1398 finali.

Mehmuż: SEC(2007) 1398 finali



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

SEC (2007) 1398 FINALI

BRUSSELL, 15.11.2007

BAĠIT ĠENERALI - 2007

TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI 17, 26

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru
DEC52/2007

NEFQA MHUX OBBLIGATORJA

EUR

MINN

KAPITOLU – 2602 PRODUZZJONI TAL-MULTIMEDIA

Artikolu - 26 02 01 Proċeduri għall-għoti u l-irreklamar ta' forniment pubbliku, kuntratti ta' xogħol u servizzi

AI - 700 000

GĦAL

KAPITOLU - 1702 Politika tal-konsumatur

Artikolu - 17 02 02 Programm ta' Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-Konsumatur

AI 700 000

I. ŻIEDA

a) Intestatura

17 02 02 - Programm ta' Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-Konsumatur

b) Ċifri fil-15/10/2007

	AI
1A. Approprijazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + AB)	16 200 000
1B. Approprijazzjoni fil-baġit (EFTA)	403 560
2. Trasferimenti	1 500 000
3. Approprijazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	18 103 560
4. Użu ta' l-appropriazzjoni finali	7 967 022
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	10 136 538
6. Ftigijiet sa l-aħħar tas-sena	10 836 538
7. Żieda proposta	700 000
8. Żieda bħala perċentwal ta' l-appropriazzjoni fil-baġit (7/1A)	4,32%

c) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Sa mill-bidu tat-tieni semestru ta' l-2007, ħareġ fid-deher li r-riżorsi finanzjarji allokat i għall-attivitajiet fil-qasam tal-konsumaturi kellhom jissafju sabiex xi attivitajiet ewlenin li kienu diġà previsti fil-programm ta' ħidma annwali għall-2007 jitwettqu bis-sħiħ.

Iż-żieda proposta ta' € 0.7 miljun tirrappreżenta madwar 4% ta' l-appropriazzjonijiet li kienu diġà disponibbli għal din il-partita tal-baġit. Madanakollu, dawn ir-riżorsi ser ikunu ta' benefiċċju għal tliet azzjonijiet ewlenin:

- L-ewwel, taħt l-azzjonijiet konġunti tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, il-proposti ta' kwalità mressqa mill-Istati Membri li jaqbz u l-allokkazzjoni prevista fil-baġit għal din l-azzjoni b' € 0.2 miljun. Jeħtieġ li dawn il-proġetti jiġu ffinanzjati issa sabiex il-kooperazzjoni tkun tassew implimentata fil-qasam tar-regoli ta' l-infurzar u tal-protezzjoni tal-konsumatur; B'konsegwenza ta' dan, il-konsumaturi huma mistennija jinnotaw f'termini prattiċi li l-livell tal-protezzjoni qed jiżdied, anke fi tranżazzjonijiet transkonfinali u fl-Istati Membri ġodda.

- Barra minn hekk, il-proposti għal għotjiet operattivi lil Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Konsumatur li jaqbz u l-allokkazzjoni prevista fil-baġit. Żieda ta' € 0.2 miljun fil-baġit tagħti lok sabiex dawn il-proposti jiġu kkunidrati u b'hekk twassal sabiex ir-rappreżentanza u d-difiża tal-konsumatur jitwessgħu u jittejjbu fuq il-livell Komunitarju.

- Fl-aħħarnett, id-DĠ SANCO huwa responsabbli milli jqassam kopji tad-"djarju Ewropew", li tant intlaqa' tajjeb, fl-iskejjel ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa. Din l-azzjoni hija ffinanzjata taħt il-programm tal-Protezzjoni tal-Konsumatur b'kontribuzzjonijiet minn oqsma oħra ta' politika. L-għadd ta' kopji mitluba mill-iskejjel qiegħed jiżdied kull sena. Żieda ta' € 0.3 miljun fil-baġit għal din l-azzjoni tippermetti li tintlaħaq id-domanda ta' l-iskejjel għad-djarju ta' l-2007.

II. TNAQQIS

a) Intestatura

26 02 01 - Proċeduri għall-għoti u l-irreklamar ta' forniment pubbliku, kuntratti ta'xogħol u servizzi

b) Ċifri fil-15/10/2007

	AI
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + AB)	29 500 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	29 500 000
4. Użu ta' l-appropriazzjoni finali	16 785 363
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	12 714 637
6. Ħtiġijiet ta' l-aħħar tas-sena	12 014 637
7. Tnaqqis propost	700 000
8. Tnaqqis bħala perċentwali ta' l-appropriazzjoni fil-baġit (7/1A)	2,37%

c) Raġunijiet dettaljati għat-trasferiment

Minkejja żieda kontinwa fl-għadd ta' notifikati ta' akkwist pubbliku li ġew ippubblikati (sa 15% fi tmiem Settembru 2007 meta mqabbel mal-perjodu bejn Jannar u Settembru 2006), u li xi spejjeż ta' unità kienu ogħla mill-istimi, b'mod globali, għall-baġit ta' l-2007, il-ħtiġijiet tal-baġit għal din il-partita huma inqas milli mistenni.

Primarjament dan irriżulta minħabba rikors ogħla milli mistenni mill-awtoritajiet kontraenti għall-format elettroniku strutturat biex jintbagħtu n-notifikati ta' akkwist pubbliku. Il-format strutturat huwa ferm orħos minn dak li mhux strutturat. Illum madwar dwar 70% tan-notifikati jaslul fil-format strutturat, meta mqabbel mal-50% stmat fil-verżjoni ta' qabel l-abbozz tal-baġit (PBD).

Barra minn hekk, ġie ppubblikat għadd anqas ta' notifikati għall-Istituzzjonijiet milli kien stmat: għalkemm l-għadd ta' notifikati mhux kbir, dawn jiswew ħafna iżjed minħabba li jiġu tradotti fl-ilsna uffiċjali kollha.

Paragun tal-prezzijiet medji stmati u dawk attwali u t-tip ta' notifika juru dan li ġej:

Tip	Stima tal-PDB 2007		Medja nnutata bejn Jannar u Settembru 2007	
	F'%	Spejjeż ta' unita' skond in-notifika	F'%	Spejjeż ta' unita' skond in-notifika
Mhux	47%	EUR 48	28 %	EUR 56
strutturati	50%	EUR 18	70 %	EUR 22
Istituzzjonijiet	3%	EUR 1 600	2%	EUR 1 622

B'riżultat ta' dan, anke jekk l-ispejjeż għal kull unità jkun ġeneralment ogħla milli previst, l-ispiża totali hija inqas b'mod sinifikanti.

Il-fattur finali fil-previżjoni riveduta tal-baġit hija li sejħa ta' suċċess għall-offerti wasslet għal tnaqqis sostanzjali tal-prezzijiet tal-kuntratt ewlieni tal-produzzjoni l-ġdid: l-iffrankar totali stmat huwa ta' madwar 30%, u jirriżulta minn tnaqqis stmat tal-prezz ta' 40% għal notifiki strutturati u 25% għal notifiki mhux strutturati. Billi dan il-kuntratt il-ġdid mistenni jidhrol fis-seħħ fl-1.12.2007 wieħed għandu jinnota li s'issa ma sa saret l-ebda fattura bil-prezzijiet il-ġodda.